# QORTI ĊIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sittax (16) ta' Mejju 2023**

**Rikors Numru 192/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Josephine Meli ID124647M mart Victor, Jane Grech ID626248M mart Philip, Nancy Bugeja ID580253M, Emanuel Bugeja ID169252M, Rueben Bugeja ID5767M, John Fenech ID11348M bħala werriet ta' Sylvia Fenech nee' Bugeja u wkoll Frankie Sciberras ID541791M, Rita Demicoli ID396085M u Daniela Sciberras ID605382M kollha wlied il-mejta Doris Sciberras nee Bugeja**

**Vs**

**Maria Bugeja**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 3 ta' Marzu 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu, bil-ġurament ta' Emanuel Bugeja, s-segwenti:

1. *Jiena naf il-fatti personalment.*

2. *Illi huma komproprjetarji tal-fond li jinsab f'34, Triq l-Għargħar 1979, Qormi, f'liema post hemm residenti il-konvenuta li qed tirrifjuta kwalunkwe arranġament biex il-partijiet l-oħrajn kollha li huma komproprjetarji ikollhom id-dritt għall-pussess raġonevoli u legali u aċċess tal-istess fond.*

3. *Illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet din baqgħet lanqas biss tirrispondi għall-istess.*

4. *Illi l-esponenti ma jistgħux jibqgħu f'dan l-istat ta' fatt u li l-konvenuta taħseb li hija biss għandha jkollha l-pussess tal-istess fond u li l-werrieta l-oħrajn m'għandhomx l-ebda jedd li jkollhom pussess tal-istess, jew jidħlu fih.*

5. ***Kawżali***

   *Peress illi l-liġi titkellem ċar li l-komproprjetarju jista' jagħmel użu biss tal-fond kemm-il darba jkun hemm il-kunsens tal-komproprjetarji l-oħrajn, u ħadd ma jista' jeskludi kompropjetarju ieħor. Peress li inoltre, f'dan il-każ lanqas hemm xi titlu ta' kera u kieku kien hemm lanqas għadu applikabbli.*

   ***Talbiet***

   *Għaldaqstant, jintalab bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tqiegħed lill-atturi indiviżament fil-pussess tal-fond f'34, Triq l-Għargħar 1979, Qormi, u dan taħt l-istess kundizzjonijiet li għandha l-konvenuta u tordna lill-konvenuta biex tottempera ruħha u mingħajr xkiel ma' kull ordni li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jogħħobha tagħti l-istess Onorabbli Qorti.*

   *Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali.*

2. Rat illi fil-15 ta' Diċembru 2021, l-intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

   1. *Illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu għas-segwenti raġunijiet;*

   2. *Illi preliminarjament l-atturi jridu jressqu prova tat-titolu li qed jallegaw li għandhom fuq il-fond li jinsab f'34, Triq l-Għargħar 1979, Qormi (minn issa "**il-fond**");*

   3. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost il-konvenuta tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-liġi sabiex tirrisjedi u tagħmel użu mill-fond u dak l-allegat mill-atturi fir-rikors ġuramentat tagħhom huwa bla bażi, kemm fattwalment kif ukoll legalment;*

   4. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

   *<u>Dikjarazzjoni tal-Fatti</u>*

   5. *Illi l-konvenuta ma taqbilx ma dak dikjarat mill-atturi sakemm dan mhuwex konformi u kompatibbli ma' dan li ġej;*

   6. *Illi l-esponenti ilha tirrisjedi fil-fond de quo għal iktar minn sebgħa u għoxrin (27) sena u tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-liġi biex tirrisjedi f'dan il-fond kif ser jirriżulta mill-provi;*

   7. *Illi dan il-fond huwa l-uniku residenza tal-esponenti;*

8. *Illi l-esponenti qatt ma eskludiet lill-ħadd mill-aċċess raġjonevoli għall-fond u tiċħad kategorikament kwalsiasi dikjarazzjoni opposta;*

9. *Illi mkien fil-liġi m'hemm stipulat li komproprjetarju jista' jagħmel użu biss tal-fond kemm-il darba jkun hemm kunsens tal-komproprjetarji l-oħrajn u barra minn hekk, erba' mill-komproprjetarji tal-fond qatt ma kellhom ebda oġġezzjoni li l-esponent tgħix fl-istess fond għal dawn is-snin kollha.*

10. *Illi diversi aħwa oħra komproprjetarji tal-fond qatt ma resqu ebda oġġezzjoni li l-esponent tirrisjedi fil-fond u fil-fatt mhumiex atturi f'din il-kawża;*

11. *Illi l-konvenuta taf b'dawn il-fatti personalment;*

    *Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-konvenuta titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tal-atturi fil-konfront tagħha, bl-ispejjeż kontra l-atturi.*

3. Rat l-affidavit ta' **Emanuel Bugeja** (fol 16), **Reuben Bugeja** (fol 17) u **John Fenech** (fol 18) ippreżentati fis-17 ta' Marzu 2022.

4. Rat illi fil-31 ta' Mejju 2022, ġie ippreżentat kapitolu fil-konfront ta' l-intimata. (fol 20)

5. Semgħet ix-xhieda ta' **Maria Bugeja**, in subizzjoni, mogħtija fid-29 ta' Settembru 2022. (fol 23)

6. Rat illi fid-29 ta' Settembru 2022, wara x-xhieda ta' Maria Bugeja u dak minnha dikjarat fix-xhieda tagħha, illi l-Qorti ordnat lill-istess Maria Bugeja tgħaddi "kopja ta' ċavetta funzjonanti tal-fond 34, Triq l-Għarar 1979, Qormi" sa żmien ġimgħa minn dakinhar. (fol 23)

7. Rat illi fis-27 ta' Ottubru 2022, ir-rikorrenti ddikjaraw illi ingħatatilhom kopja funzjonanti taċ-ċavetta tal-fond 34, Triq l-Għarar 1979, Qormi.

8. Rat illi fis-26 ta' Jannar 2023, il-konsulent legali tar-rikorrenti iddikjara illi r-rikorrenti ma kinux aktar qed jinsistu fuq il-meritu, stante illi dak issa ġie eżawrit, iżda kienu qed jinsistu fuq il-kap tal-ispejjeż.

9. Rat illi fid-9 ta' Mejju 2023, l-abbli difensuri tal-partijiet ittrattaw il-każ għal dak illi jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż.

10. Rat illi fid-9 ta' Mejju 2023 il-kawża ġiet differita għas-sentenza għallum.

**Ikkunsidrat**

11. Jirriżulta illi l-partijiet meritu tal-kawża odjerna huma lkoll aħwa, fejn kienu tnax-il aħwa b'kollox, u huma lkoll propretarji tal-fond 34, Triq l-Għargħar 1979, Qormi, f'liema fond tgħix l-intimata.

12. Jirriżulta illi l-kwistjoni illi kellha quddiemha din il-Qorti kienet ċavetta għall-fond fuq imsemmi, fejn r-rikorrenti jikkontendu illi huma ma kellhomx kopja taċ-ċavetta biex jaċċessaw.

13. Jirriżulta illi l-intimata, fil-linja difensjonali tagħha, saħqet illi, filwaqt li ma eskludiet lill-ħadd mill-aċċess raġjonevoli, madanakollu oġġezzjoni għad-dritt pretiż mir-rikorrenti illi jkollhom aċċess għall-fond b'ċavetta fil-pussess tagħhom.

14. Jirriżulta illi fil-mori tal-kawża, xehdet l-intimata in subizzjoni, fejn insistiet illi hija qatt ma rċeviet interpellazzjoni mingħand ir-rikorrenti li riedu kopja taċ-ċavetta tal-fond, filwaqt ili stqarret illi wħud minn ħutha kellhom iċ-ċavetta diġa'.

15. Jirriżulta illi, sussegwentement, l-intimata għaddiet kopja taċ-ċavetta għall-fond lir-rikorrenti, li da parte tagħhom aċċettaw illi l-meritu ta' dak minnhom mitlub illum il-ġurnata ġie riżolt filwaqt illi nsistew dwar l-ispejjeż.

16. Il-Qorti tirrileva illi r-rikorrenti, għalkemm stqarrew ili għamlu diversi interpelazzjonijiet lilll-intimata sabiex tgħaddilhom iċ-ċavetta tal-post, fl-ebda stadju ma ppreżentaw xi tip ta' dokumentazzjoni in sostenn ta' tali asserzjoni, w il-Qorti kienet tippretendi illi, ta lanqas, jippreżentaw kopji tal-ittri, jekk tassew intbagħatu minnhom.

17. Il-fatt illi r-rikorrenti naqsu milli jippreżentaw tali interpellazzjonijiet tagħti piż lix-xhieda ta' l-intimata fejn insistiet illi hija ma kienet irċeviet ebda ittri.

18. Il-Qorti tqis illi din il-kawża **<u>QATT</u>** ma messha spiċċat il-Qorti, u l-aħwa kellhom jsolvu l-kwistjoni tagħhom 'l barra mill-Qorti, u tali kwistjoni familjari ta' entita' puerili qatt ma' messha tkaxkret il-Qorti.

19. Il-Qorti tosserva wkoll illi ż-żewġ partijiet huma responsabbli għall-fatt illi l-kawża spiċċat quddiem il-Qorti, u għalhekk tqis illi kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Il-Qorti,**

Filwaqt illi:

Tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni tal-meritu tal-każ, stante illi illum il-ġurnata ġie riżolt;

Tiddikjara illi kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**